

Brussell, 8 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16437/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0420(COD)**

**TRANS 582
RELEX 1433**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ftehim ta' livell għoli bejn l-UE u l-Ukrajna u bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova għall-adattament tal-mappa indikattiva ta' pajjiżi ġirien skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ir-Regolament TEN-T) - Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti

1. Fit-30 ta' Jannar 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati¹ dwar ftehim ta' livell għoli bejn l-UE u l-Ukrajna u bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar networks ta' infrastruttura tat-trasport bil-ħsieb li jiġi adottat, wara l-iffirmar ta' dak l-istrument mhux vinkolanti, att delegat, li ser jadatta l-mapep indikattivi eżistenti ta' pajjiżi ġirien skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ir-Regolament TEN-T).
2. Sussegwentement, il-Kummissjoni ppreżentat it-testi tal-ftehimiet ta' livell għoli u l-abbozzi tal-mapep, kif innegozjati, lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport – Kwistjonijiet Intermodali u Networks fil-15 ta' Settembru 2023. F'dan il-Grupp ta' Ħidma, Stat Membru wieħed talab modifiki li kellhom l-għan li jirriflettu aħjar l-importanza tal-konnessjoni ferrovjarja bejn Lublin-Dorohusk-Korosten-Kiev.

¹ ST 5213/23.

3. Konsegwentement, il-Kummissjoni reġgħet fetħet in-negozjati li ġew konklużi b'suċċess, u li jqisu l-bidla mitluba fil-Grupp ta' Ħidma tal-15 ta' Settembru.
4. Il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz rivedut ta' ftehimiet ta' livell għoli lill-Grupp ta' Ħidma fit-8 ta' Diċembru 2023². Id-delegazzjonijiet ma qajmux oġġezzjonijiet għall-iffirmar tal-ftehimiet ta' livell għoli inkwistjoni f'dik il-laqgħa.
5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jawtorizza l-iffirmar tal-ftehimiet ta' livell għoli, kif jinsabu fid-dokumenti ST 16438/23 u ST 16439/23.

² ST 16260.